**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU DISGĦA U TLETIN 23ta' MEJJU, 2018**

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.15 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku s-Sinjur Ignatius Farrugia, l-Viċi Sindku Rita Grima u l-Kunsilliera Dr Tiffany Ann Farrugia, is-Sur Joseph D'Amato, is-Sur Pierre Farrugia, s-Sur Kenneth Farrugia, s-Sur David Abdilla u s-Sur Dino Bonnici.

**Ambaxxatur taż-Żgħażagħ**

Is-Sur Kaydem Schembri kien preżenti għas-seduta.

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Ignatius Farrguia ppresjeda s-seduta.

**MINUTI**

| | | |
|---|---|---|
| **39.1** | | ***QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA*** |
| | | |
| 39.1.1 | | Il-Kunsillier Jean Pierre Attard informa li ma jistax jattendi għax għadu kemm kellu tarbija. Ġiet milqugħa l-apoloġija. |
| | | |
| **39.2** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| 39.2.1 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li fuq punt 38.6.2 ressaq ritratti ta' rampa llegali u li tinsab kerha ħafna fi Triq De Mello. Dok 2 mehmuż.<br>Kien hemm qbil li dan għandu jkun item fuq aġenda oħra u jiġi ċċekjat min hu inkarigat li jieħu azzjoni fuq dan l-inkonvenjent. |
| | | |
| 39.2.2 | | Ġew approvati l-minuti tat-tmienja u tletin –il seduta. |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| ***39.3*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA / KUNSILL LOKALI ŻGĦAŻAGĦ*** |
| | | |
| 39.3.1 | | Ġew approvati l-minuti tas-seduta numru 47 tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra. Ġew approvati l-minuti tal-Kunsill Lokali Żgħażagħ numru 36 u 37. |
| | | |
| ***39.4*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAR-REĠJUN NOFSINHAR u TAL-ASSOĊJAZZJONI KUNSILLI LOKALI*** |
| | | |
| 39.4.1 | | Ġew approvati l-minuti tal-Assoċjazzjoni Kunsill Lokali numru 6. |
| | | |
| | | |
| ***39.5*** | | ***KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU*** |
| | | |
| 39.5.1 | | Is-Sindku qal li l-bieraħ saret l-ewwel attivita' ta' Jum iż-Żurrieq għand il-Guy Boċċi klabb u l-Kunsill ġie ppreżentat b'tifkira, waqt li s-Sindku ta t-trophies. |
| | | |
| 39.5.2 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet dawn il-kwotazzjonijiet fuq merry go round u fuq spring rider biex jinbidlu dawk eżistenti (imkissra) fi Ġnien l-Emigranti Żrieraq:<br>Projecte – Merry go round €2600; spring rider – ma bagħatx stima<br>M Quip – Merry go round €1775; spring rider €640<br>Gokker Ltd – Merry go round €1993; spring rider – €584.30<br><br>Kien hemm qbil li x-xogħol tal-merry go round jiġi ordnat mingħand M Quip minħabba li hu l-orħos offerent u l-ispring rider issir manutenzjoni fuqu minflok jinxtara ieħor. |
| | | |
| 39.5.3 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet dawn l-ilmenti/suġġerimenti:<br>• biex isiru parking bays speċifiċi għall-coaches tat-turisti fil-parkeġġ ta' fuq il-belle vedere - *ma kienx hemm qbil u jibqa kollox kif inhu bħalissa*<br>• biex il-pedestrian lights ta' Vjal-il-Blue Grotto jiċċaqilqu għall-quddiem Triq San Pawl, biex Triq San Pawl issir two way traffic u t-traffic lights ta' Vjal il-Blue Grotto hekk kif toħroġ minn Triq Dun Guzepp Zammit jitneħħew u jsiru fi Triq San Pawl k/m Triq Santa Katarina. – *kien hemm qbil li nistennew sakemm tkun lesta t-triq ta' Vjal ix-Xarolla u terġa tiġi diskussa f'seduta oħra.*<br>• Biex fi Triq San Bartilmew isiru road humps – *ma kienx hemm qbil fuq dawn minħabba l-ħsejjes li jagħmlu bil-vetturi li jitilgħu fuqhom*.<br>• Biex isiru bollards fi Triq il-Ħaddiema (ritratti mehmuża) – Dok 3 mehmuż. *Il-Kunsillier Kenneth Farrugia insista li din għandha issir minħabba s-sigurta tal-każ għax it-triq ma tistax issir one way. Is-Sindku oppona fuq il-każ, għax qal li dik it-triq ser issir kollha bollards u t-triq tidjieq. Wara diskussjoni, kien hemm qbil jmur jara l-każ il-Kunsillier inkarigat David Abdilla u tittella f'seduta oħra għad-deċiżjoni.*<br>• Biex is-central strip li hemm fi Triq Wied Babu titnaqqas għax il-karozzi tal-linja u coaches tat-tfal tal-iskola qed ikollhom jgħaddu minn fuqha. - *Kien hemm qbil li l-Kunsill jistaqsi lill-TM jekk din tridx issir bilfors.* |

| | | |
|---|---|---|
| | | • Jsir manutenzjoni tal-arblu tal-funtana fi Vjal il-Blue Grotto – *Is-Sindku qal li ser isir mill-ħaddiem tal-Kunsill bl-għajnuna ta' kuntrattur miż-Żurrieq.* |
| | | |
| 39.5.4 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet ittra/risposta mingħand iż-żewġ soċjetajiet tar-raħal, li jħossuhom diżappuntati għar-risposta li ta l-Kunsill li ma kienx ser jgħati għajnuna fuq il-ħofor tal-festi fi Triq Dun Ġużepp Żammit. Huma rreferew ukoll għat-talba li l-Kunsill għamel biex isir ftehim li jorbot lill-Kunsill u liż-żewġ soċjetajiet fuq ħlas ta' tiżjien tad-dawl tal-Milied, fejn ma qablux li dan għandu jkun għal 5 snin u ssuġġerew li minflok ikun għal 4 snin.<br><br>Kien hemm qbil jerġgħu jiġu infurmati li l-Kunsill ħa d-deċiżjoni tiegħu kif kien miktub fl-aħħar ittra, minħabba li l-pjanijiet tal-Kunsill ikunu dejjem għal 5 snin. |
| | | |
| 39.5.5 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet stimi ta' strumenti tal-orkestra:<br>Olympus - €9286<br>Thomann.de - €4989.50 + €1,100shipping<br>Wave Music Centre - €6084 – m'għandux l-istrumenti kollha bħal m'għandhom it-tnejn li kkwotaw qablu.<br><br>Kien hemm qbil li x-xogħol jiġi ordnat mingħand Thomann.de. u x-shipping jiġi provdut minn kumpanija maltija. |
| | | |
| 39.5.6 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Kunsill irċieva ittra mingħand l-Onorevoli Dr Julia Farrugia fejn infurmat li kienet lesta li tiffinanzja u tirregala librerija ċkejkna biex tkun tista titpoġġa fi Ġnien il-Ġibjun. Il-ħsieb tagħha hu li tagħti din il-librerija mimlija bil-kotba.<br><br>Il-Kunsill aċċetta l-offerta u rringrazzja dan il-ġest filwaqt li japprezza li din il-librerija tintuża tajjeb. |
| | | |
| 39.5.7 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Kunsill irċieva ittra mingħand Public Broadcasting Services Ltd, fejn offrew li jintwera programm tal-Fifa World Cup f'post fiż-Żurrieq li jintgħażel mill-Kunsill. Jekk il-kunsil jaqbel, għal din il-promozzjoni l-lokalita' tiegħu, il-Kunsill ikun irid iħallas 600Euro.<br><br>Is-Sindku qal li din il-ġimgħa tkellem mal-Broadcasting u lesti li joffru dan il-programm bla ħlas. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 39.5.8 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li s-Soċjeta Mużikali Santa Katarina aċċettat ukoll li ttella l-bnadar taż-Żurrieq mal-arbli li remgħat fi Triq P P Saydon, għall-okkażjoni ta' Jum iż-Żurrieq.<br>Is-Sindku qal li kif titlesta l-attivita' l-Kunsill jibgħat ittra ta' ringrazzjament. |
| | | |
| 39.5.8 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ġiet avviċinata mis-Sur Antoine Schembri li jixtieq li jarma l-Mitħna tax-Xarolla b'vari tal-ġimgħa l-kbira bejn it-13 u 19 ta' April, 2019. Hu jixtieq li tali wirja tkun miftuħa fil-għaxijiet matul il-ġimgħa u ser |

| | | |
|---|---|---|
| | | jieħu ħsiebha hu.<br>Ma instabet l-ebda oġġezzjoni fuq il-wirja, imma waqt il-ġimgħa tal-esebizzjoni u waqt l-armar, jkun hemm bżonn ta' superviżjoni mill-kuratur tal-mitħna. Kien hemm qbil li jiġi mistoqsi l-ħinijiet tal-ftuħ u jiltaqa' miegħu l-Kunsillier inkarigat mill-Mitħna – l-Kunsillier Joseph d'Amato. |
| | | |
| 39.5.9 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni ta' parti minn triq li tagħti għall-għelieqi fejn Wied Fulija li għandha bżonn titnaddaf. Jew murija ritratti. Ġabet stima u din ser tiġi tiswa 531Euro Vat inkluża, t-tindif ser isir b'gaffa. Kien hemm qbil li l-każ jieħu ħsiebu l-kunsillier inkarigat mill-indafa Kenneth Farrugia. |
| | | |
| 39.5.10 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li s-Soċjeta Santa Marija tal-Imqabba qed titlob li ttella attivita' fil-Ġnien tal-Ġibjun nhar is-Sibt 21 ta' Lulju, bejn it-20:00 u 00:00. Ma kienx hemm qbil fuq dan, għax dak iż-żmien tkun il-festa tar-raħal. |
| | | |
| 39.5.11 | | Is-Sindku ppropona li għall-okkażjoni tal-Valletta Pageant of the seas, jorganizza trasport imħallas minn Valletta 18 biex residenti Żrieraq imorru jaraw l-avveniment. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| | | |
| ***39.6*** | | ***Petizzjoni minn sidien ta' għelieqi fi Triq il-Qrendi – jsiru sleeping policeman*** |
| | | |
| 39.6.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet petizzjoni minn bdiewa li għandhom l-għelieqi tagħhom fi Triq il-Qrendi, biex issir sleeping policeman, sabiex jitnaqqas il-veloċita' tal-vetturi u b'hekk iħossuhom sikuri meta joħorgu mill-għalqa tagħhom.<br><br>Ma kienx hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| | | |
| | | |
| ***39.7*** | | ***Tenders*** |
| | | |
| 39.7.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv reġgħet ġibdet l-attenzjoni li issa għalqu tliet tenders – a)Road markings and signs u b) works on pavements, retaining walls and culverts c) tal-Accountant u fl-aħħar ta' din il-ġimgħa jagħlaq it-tender tal collection of house hold waste.<br>Is-Segretarju Eżekuttiv reġgħet ġibdet l-attenzjoni li jrid jinħatar bord biex jevalwa t-tenders. Iċ-Chairperson u s-Segretarju Eżekuttiv m'għandhomx dritt li jivvutaw. Miċ-ċirkulari li nħarġet mid-DLG fis-26 ta' April, il-Kunsilli ġew infurmati li ċ-Chairperson u żewġ osservaturi jistgħu jkunu membri tal-Kunsill, imma ma jkollhomx vot fl-aġġudikar. Hi infurmat li l-Kunsill għandu ċans sa disgħin jum biex jevalwa u jaġġudika t-tenders.<br><br>Wara diskussjoni, fuq qbil unanimu reġgħa kien hemm qbil li għandhom ikunu kunsilliera li jaġġudikaw it-tenders skont i-direttiva li kellhom mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsiliera. Is-Segretarju qalet li talbet linja gwida mid-Dipartiment bil- |

| | | |
|---|---|---|
| | | miktub u li s'issa għadha ma rċevitx risposta bil-miktub. F'dan il-punt il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li d-Dipartiment tippretendi li jkollha risposti f'waqthom mill-Kunsill u biex tagħti risposta hi ddum. Hu qal li jekk ikun il-bżonn s-segretarju eżekuttiv għandha tikkopja lill-Ministru ikkonċernat.<br><br>Kien hemm qbil unanimu li s-Sindku ser ikun iċ-Chairperson u l-Kunsilliera Tiffany Ann Farrugia u Pierre Farrugia ser ikunu l-aġġudikaturi. Tali aġġudikazzjoni ser titla f'seduta oħra apposta biex tiġi approvata. Fir-rigward ta' tender b) ġie miftiehem li navżaw lill-perit ikun preżenti. Fil-każ ta' tender tal-ġbir tal-iskart li ser tagħlaq nhar il-ġimgħa, tista tkun aġġudikata aktar tard.<br><br>Kien hemm qbil li l-ewwel laqgħa tal-aġġudikazzjoni issir fl-1 ta' Ġunju, 2018 filgħodu, u jiġu aġġudikati a), b) u c). |
| | | |
| ***39.8*** | | ***Direct order – Servizz tal-knis*** |
| | | |
| 39.8.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet kwotazzjonijiet minn kuntratturi biex jikinsu ż-Żurrieq bl-istess sistema li l-Kunsill qed jagħmel bħal issa. Dan minħabba li bħalissa għaddejja kwisjoni fuq ir-regoli ġodda ta' dan il-kuntratt.<br>Dawn l-istimi jinvolvu servizz għall-tliet xhur, minn Ġunju sa' Awwissu, li jinkludu l-ġimgħat tal-festi tar-raħal.<br><br>Il-kwotazzjonijiet inġabru mingħand:<br>Kevin Farrugia - €2,714 kull xahar u €649 għal kull festa.<br>Jonathan Mangion - €3068 kull xahar u €1062 għall kull festa<br>WM Environmental Ltd - €4248 kull xahar li jinkludi l-festi.<br><br>Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li wara li fetħet tali kwotazzjonijiet, kellha tieħu direzzjoni mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali minħabba li jekk kuntrattur kien ser jaħdem it-tliet xhur waħdu kien ser jaqbeż l-ammont tal-kwota ta' €5,000 li suppost kunsill għandu jonfoq permezz ta' kwotazzjoni. Risposta ma ġietx riċevuta. Kien hemm qbil li għax-xahar ta' Ġunju u nofs ix-xahar ta' Lulju, jieħu x-xogħol Kevin Farrugia bħala l-orħos offerent li s-somma ser tkun tlaħħaq 4,071Euro. Fl-aħħar tax-xahar ta' Ġunju jekk ikun hemm il-bżonn terġa tintalab kwotazzjoni oħra.<br><br><br>Il-Kunsillier Dino Bonnici ħareġ mis-seduta fit-20:35. |
| | | |
| | | |
| ***39.9*** | | ***Jum iż-Żurrieq, Ġieħ iż-Żurrieq u Festa Ħut 2018*** |
| | | |
| 39.8.1 | | Is-Sindku qal li l-attivitajiet ta' Jum iż-Żurrieq mexjin b'ħafna preparamenti. Fost l-oħrajn qed jagħmel avviżi ta' promozzjoni fuq ir-radji u TVs. Kellu problemi kbar fuq il-palk, imma s-Sindku sab palk u qed ifittex ħaddiema għall-ġarr u twaħħil tiegħu.<br><br>Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal li wara festa ħut id-Direttorat tat-tindif ser inaddaf kullimkien. |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| 39.8.2 | | Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li n-nominazzjonijiet tal-premju taċ-ċittadin ewlieni u ta ġieħ iż-Żurrieq tressqu fil-kumitat ta' evalwazzjoni. Dawn evalwaw lin-nominati u f'envelope ssiġillat tpoġġew l'isem taċ-ċittadin ewlieni u l-minuti tas-seduta.<br>Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| ***39.10*** | | ***Management letter u t-tweġiba għall-management letter*** |
| | | |
| 39.10.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-managment letter u t-tweġieba tagħha mħejja minnha u mill-Accountant.<br>Din ġiet approvata biex tintbagħat. |
| | | |
| | | |
| | | |
| ***39.11*** | | ***Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri*** |
| | | |
| 39.11.1 | | Il-Kunsillier Tiffany Ann Farrugia qalet li<br>• fi Triq il-Kunċizzjoni ma' Triq il-Mitħna hemm bżonn li jiġu ikkunsidrati linji tat-traffiku. Kien hemm qbil li jara l-każ il-Kunsillier inkarigat David Abdilla.<br>• Fi Vjal l-Indipendenza issir vleġġa biex il-vetturi li ġejjin minn Vjal l-indipendenza jitilgħu 'l fuq lejn Triq il-Kunċizzjoni u ma jkunux jistgħu jinżlu lejn Triq San Gorg. Ma kienx hemm qbil fuq dan minħabba l-konġezzjoni li tinħoloq. Il-Kunsillier Pierre Farrugia qal li lill-Onor. Dr Julia Farrugia għandna naqgħtuha rendikont ta' x'ġara s'issa fuq id-djar li jridu jitwaqqgħu, wara li l-Kunsillier Tiffany Ann Farrugia ser tiċċekja l-każ mal-Lands Dept |
| | | |
| 39.11.2 | | Il-Kunsillier David Abdilla qal:<br>• Li fi Vjal l-Indipendenza hemm persuna li għandha bżonn reserved parking minħabba l-problema ta' saħħa li għandha. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Fuq il-Ġnien tal-Ġibjun hemm bżonn li jitħawlu aktar siġar bħalma ħawlu l-Kunsill Lokali tż-Żgħażagħ - Kien hemm qbil li jiġu ordnati madwar 30 siġra.<br>• Ressaq programm tad-delegazzjoni li ġejja minn Ċipru – Dok 4 mehmuż. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Saret laqgħa ma rappreżentanti tal-ERA fuq Ġnien Mario Schembri biex jitneħħew is-siġar mejta li hemm u jitħawlu oħrajn ġodda. |
| | | |
| 39.11.3 | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia staqsa fuq Ġnien il-Kunsill tal-Ewropa li s'issa |

| | | |
|---|---|---|
| | | għadu ma sar xejn.<br>Il-Kunsillier David Abdilla qal li kellu appuntament għal-laqgħa mal-perit imma l-perit baqa' ma ġiex. |
| | | |
| 39.11.4 | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia staqsa x'qed jagħmel il-Kuntrattur Callus Garden Centre fuq ix-xogħol taż-Żurrieq. Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li l-kuntratt ittieħed bil-promessa li fiż-Żurrieq ikun hawn żewġ persuni u s'issa mill-attendenza li tiġi pprovduta qatt ma kien hemm żewġ min-nies preżenti. |
| | | |
| 38.10.5 | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal li hemm parti oħra miċ-ċint ta' Triq il-Barrieri. Kien hemm qbil li ssir fl-immedjat wara li jkun ikkuntatjat il-perit.<br>• Hemm bżonn li jsiru parking bays fi Triq it-Torri – kien hemm qbil li dan il-punt jiġi mitkellem fil-Kumitat Amministrattiv ta'Bubaqra.<br>• Hemm bżonn li jsir knies u qtugħ ta' ħaxix urġenti fi Triq Santa Katarina, Triq il-Barrieri fejn it-taraġ.<br>• Hemm bżonn li jsir bus shelter fi Vjal l-Indipendenza viċin Triq G M Callus<br><br>Il-Kunsillier Kenneth Farrugia ħareġ mis-seduta fid-21:30 |
| | | |
| 38.10.6 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal:<br>• fi Triq San Pietru hemm marki tat-toroq u tabelli biex mit-8:00 sal-10:00 ma jipparkjawx, minħabba li l-iscammel ma jgħaddix sew u jagħmel ħsarat lill-vetturi li jkun hemm ipparkjati. Kien hemm qbil li jerġa jiġi mitkellem sid l-iscammel.<br>• Ser issir Triq Wied Ganu bit-tarmak mill-Gvern Ċentrali u qal li l-Kunsill għandu jikteb lill-Transport Malta biex titkompla t-triq sat-tarmak li għamel il-Kunsill – Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Fi Triq il-Wied kien hemm persuna għaddejja bil-puschair u ġiet milquta minn trakk li baqa sejjer. Din talbet bankina tul it-triq fejn m'hemmx. Kien hemm qbil li jittieħed parir mill-perit.<br>• Triq il-Kunċizzjoni hemm parking bays, b'wieħed maqbuż, hemm bżonn li jsir yellow line – kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| | | |
| ***39.12*** | | ***Approvazzjoni: Xogħlijiet u Servizzi*** |
| | | |
| 39.12.1 | | Dan l-item ġie mitkellem f'punti oħra preċedenti. |
| | | |
| | | |
| ***39.13*** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI*** |
| | | |
| 39.13.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala **Dok 1** għall-ammont totali ta' **€63,493.94.** |

| | | |
|---|---|---|
| | | Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku u l-Viċi Sindku Rita Grima u l-kunsillier Pierre Farrugia. |
| | | |
| ***39.14*** | | ***DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS*** |
| | | |
| 39.14.1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fis-22:00. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 13ta' Ġunju, 2018 fis-6.15 ta' filgħaxija. |

Konfermati, illum 13 ta' Ġunju, 2018.

IFFIRMAT IFFIRMAT

Ignatius Farrugia
**Sindku**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**